MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 7/2004

**Mary Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata:-

*'L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna Socjali kienet mistharrga u gie deciz li m' intix aktar intitolat ghal din l-"assistenza" ghaliex id-Direttur mhux sodisfatt li ddisponejt bil capital tieghek b' mod xieraq.'*

Fl-appell taghha l-appellanti tghid li m’ ghandhiex dhul fuq xhiex tghix.

Risposta tad-Direttur:-

*‘1. Illi l-appellanti kienet beneficcjarja ta’ l-Ghajnuna Socjali sat-2 ta’ Jannar 2004.*
2. *Illi din l-assistenza giet lilha mwaqqfa ghar-raguni li l-appellanti wirtet proprjeta` minghand ommha, liema proprjeta` sussegwentement giet mibjugha ghall-prezz ta’ Lm16,250 u bl-istess rikavat tal-bejgh l-appellanti taghtu b’ donazzjoni lil binha David Vella u ghalhekk id-Direttur ma setax ikun sodisfatt l-appellanti ma iddisponietx mill-kapital sabiex tkompli tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali u/jew li l-kapital taghha ma jeccedix is-Lm16,000.*
*3. Illi ghalhekk fl-1 ta’ Dicembru 2003, id-Direttur informa lill-appellanti bid-decizjoni negattiva tieghu.*
*4. Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta’ ligi jew principju ta’ mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud.’*

Fil-qosor il-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti. L-appellanti kienet il-beneficcjarja tal-ghajnuna socjali. Fis-6 ta’ Novembru 2003 l-appellanti bhala l-proprjetarja assoluta tal-fond 28, Triq Vincenzo Bugeja, Santa Venera, bieghet l-istess fond lil Marion Psaila Custo` ghal prezz ta’ Lm16,250.00. Fl-istess jum l-appellanti tat b’titolu ta’ donazzjoni ir-rakavat kollu mill-bejgh imsemmi skond kif jirrizulta minn kopja ta’ skrittura bl-istess data maghmula quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Vella.

Il-punt li jrid (jigi) deciz huwa jekk hux konsentit li persuna tibqa’ tikkwalifika ghall-ghajnuna socjali jekk tbiegh proprjeta`, iddahhal is-somma ta’ Lm16,250.00 u tatiha b’ donazzjoni lil binha sabiex jixtri dar vicin taghha u jiehu hsiebha.

Skond Taqsima VI tat-Tieni Skeda ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali:

*Klawsola 2: Il-mezzi li jingabru jew li jistghu jingabru minn kull proprjeta` dhul jew privilegg kif imsemmijin fit-Taqsima*

*II ta' din l-Iskeda ghandhom jinhadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' l-imsemmija Taqsima II, izda hekk illi minkejja d-dispozizzjonijiet tas-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu 4 taghha, ghandha titqies kull Ghajnuna Socjali u/jew pensjoni, jekk ikun il-kaz, li tkun ga qieghda tithallas taht dan l-Att lill-istess kap ta' familja u lil martu, jekk ikun il-kaz, fiz-zmien meta ssir it-talba ghal dik l-ghajnuna."*

*Taqsima II, klawsola 1 (b) tipprovdi illi : Izda kull proprjeta` jew dhul li ghandhom ikunu kalkolati ghall-finijiet ta' din it-Taqsima skond id-dispozizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu ghandhom jinkludu kull proprjeta` jew dhul li xi membru tal-familja kif intqal qabel f' din it-Taqsima kien direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd ghal Ghajnuna ghal Mard jew sabiex ikollu jedd ghal rata aktar vantagguza."*

Huwa minnu li l-appellanti qed issostni li l-uniku raguni li tat b' donazzjoni aktar minn Lm16,000 kien sabiex binha jigi joqghod hdejha. Ghalkemm l-appellanti tichad li hija ghamlet tali ghotja sabiex tibqa' tibbenefika mill-ghajnuna socjali, il-fatt hu li hija tippretendi li ghandha tibqa' tircevi tali ghajnuna socjali.

L-Att dwar is-Sigurta` Socjali ma jipprovdiex illi sabiex jittiehed in konsiderazzjoni kapital li beneficcjarju jkun iddispona minnu tabilfors li l-unika raguni trid tkun sabiex jibqa' jircevi l-beneficcju socjali. Ghalhekk il-klawsola fuq citata tapplika anke meta wiehed ikollu ragunijiet ohra ghaliex jiddisponi minn hwejgu.

Fil-fehma ta' l-Arbitru id-Direttur tas-Sigurta` Socjali kellu ragun jikkonkludi illi l-appellanti cahhdet lilha nnifisha mill-kapital proprjeta` taghha b'tentativ sabiex tibqa' tikkwalifika ghall-ghajnuna socjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

Ir-rikorrenti Mary Borg appellat minn din is-sentenza bl-ilment illi l-Arbitru ghamel apprezzament guridiku ghal

kollox zbaljat. Skond is-sottomissjoni taghha l-ligi ma tippermettix l-ghotja ta' l-ghajnuna socjali meta dak li jkun icahhad lilu nnifsu minn kapital (i) sabiex ikollha jedd ghall-ghajnuna ghall-mard jew (ii) sabiex ikollha jedd ghal rata aktar vantaggjuza. Tikkontendi ghalhekk illi gjaladarba hi kienet in bwona fede ma kellhiex tigi eskluza milli tircievi ghajnuna bhal dik;

Il-fatti fil-qosor huma dawn:-

I. L-appellanti kienet beneficcjarja ta' l-ghajnuna socjali;

II. Din l-ghajnuna giet terminata ghar-raguni illi hi wirtet proprjeta` immobiljari mis-successjoni ta' ommha li mbaghad iddisponiet minnha permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Novembru 2003, atti Nutar Dottor Nicholas Vella. Il-konvenju relattiv dwaru kien redatt fit-30 ta' Lulju 2003;

III. Ir-rikavat percepit minn dan il-bejgh kien ta' sittax-il elf u mitejn u hamsin lira Maltija (Lm16,250), liema somma l-appellanti ddonat lil binha bi skrittura ta' l-istess jum tas-6 ta' Novembru 2003;

IV. Fit-18 ta' Settembru 2003 dan binha kien akkwista, permezz ta' self mill-Bank, il-fond terran numru 39 Triq San Gorg, Santa Venera;

Fuq l-evalwazzjoni tieghu ta' dawn il-fatti jidher li d-Direttur appellat wasal ghad-decizjoni illi, gjaladarba l-appellanti beneficcjarja kellha kapital adegwat fil-pussess taghha, li hi ddisponiet minnu u ddonat ir-rikavat kollu lil binha, kien konsegwenzjali ghalih li allura l-appellanti ma kienetx aktar intitolata tissokta tircievi beneficcju, tant li hu ghadda biex waqqaf din l-ghajnuna fit-2 ta' Jannar 2004. Wiehed necessarjament jifhem illi d-Direttur ha in konsiderazzjoni it-titjib fil-qaghda ekonomika ta' l-appellanti ossija z-zieda fl-introjtu taghha mill-bejgh tal-fond biex b' hekk ikkonkluda li l-bzonn ghall-ghajnuna li l-ligi tipprovdi ma kienx, fil-kaz ta' l-appellanti, ghadu jezisti;

Evidentement, huwa dezumibbli minn dan illi l-appellanti ma rnexxielhiex tikkonvinci lid-Direttur il-ghala hi kienet iddisponiet mill-kapital u zvestiet ruhha mir-rikavat. Hu ovvju li l-appellanti ma rnexxielhiex wisq tissodisfa lid-Direttur illi dak li ghamlet kien dak li tghin lil binha jew li din ir-raguni ewlenija kienet tabilhaqq taspira ghall-verita`;

Wara li ddelibera fuq il-materja, fl-isfond tac-cirkostanzi kif ri-epilogati, l-Arbitru deherlu li l-operat tad-Direttur f' dan il-kaz ma kienx gravament irragonevoli. Dan jidher *ex facie* s-sentenza appellata;

Jidher li l-Arbitru ffoka l-aktar fuq l-interpretazzjoni li hu jakkorda lit-test tal-ligi (Kapitolu 318) riferibilment ghal dak rigwardanti l-kalkolu tal-mezzi biex persuna tkun intitolata tirreklama, jew tkompli tircievi, beneficcju socjali. Il-provizo ta' l-ewwel artikolu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda mhux esklussiv. Dak, rettament intiz, jipprovdi li fil-kalkolu kull proprjeta` jew dhul ghandhom jinkludu kull proprjeta` jew dhul li xi membru tal-familja kien direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd ghall-ghajnuna ghal Mard jew sabiex jikseb rata aktar vantaggjuza. Kif tinterpretaha din il-Qorti dan ma jfisserx illi l-applikant jew beneficcjarju jrid ikun xjenti li dak li ghamel kien mahsub biex icahhad lilu nnifsu. Jekk b' dak li ghamel indirettament cahhad lilu nnifsu dan jitqies sufficcjenti biex tigi cessata lilu l-assistenza u ggieblu d-dekadenza mid-dritt li jissokta jippercepixxi d-dritt ghall-beneficcju lilu inizzjalment approvat. Il-ligi tas-sigurta` socjali mhix mahsuba biex teskludi mill-portata tal-beneficcji dawk is-sitwazzjonijiet biss prospettati mill-appellanti;

Gja mbaghad din il-Qorti kellha okkazjoni tesprimi ruhha fis-sens li "mhux konsentit lil hadd illi taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f' sitwazzjoni, anke kieku stess mhux sempliciment simulata, ta' minorata solvibilita` apparenti biex minn fuq jippretendi b' jedd l-ezercizzju tad-drittijiet

tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x' inhi l-iskala li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhix imgieba ta' *bonus paterfamilias* li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f' dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali" – "**Anthony Chetcuti *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 19 ta' Mejju 2004;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti lanqas kieku trid ma tista', kif hekk qed tigi invitata, tiffissa zmien meta l-appellanti tkun tista' terga' tkun eligibbli ghall-assitenza socjali. Tali kompitu ma jispettax lilha izda lid-Direttur li fit-termini tal-ligi kien l-ewwel arbitru tal-fatt dwar jekk, u meta, l-appellanti tkun hekk intitolata. Kien imbaghad jispetta wkoll lill-appellanti li fil-mument deciziv tipperswadi u tissodisfa, bi prova preciza, lid-Direttur dwar id-dritt ta' l-intitolar taghha ghall-ghajnuna. Mhux mistenni li din il-Qorti minn issa tintralcja l-ezercizzju tas-setgha tad-Direttur jew ta' l-evalwazzjoni li dan eventwalment jaghmel;

Una volta li fil-mument attwali ma jirrizultax li l-ezercizzju tad-Direttur, jew li d-decizjoni ta' l-Arbitru, huma, fuq il-bazi tar-rizultanzi fattwali, skorretti jew guridikament difettuzi mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata. Hu xieraq li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------